**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 13 ta' Lulju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Charlston Cassar**

**Redent Cassar**

**Tristan Cassar**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Charlston Cassar, 22 sena, iben missier mhux maghruf u Anna Cassar, imwieled Pieta' nhar il-11 ta' Novembru, 1982, residenti fil-fond numru 33, Triq Santu Rokku, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 126992M;

u

Redent Cassar, 20 sena, bin Carmelo Dalli u Anna Cassar, imwieled Pieta', nhar it-30 ta' Settembru, 1994, residenti fil-fond mhux maghruf, detentur tal-karta tal-identita' numru 425194M;

u

Tristan Cassar 17-il sena, bin Carmelo Dalli u Anna Cassar, imwieled Pieta', nhar it-23 ta' Jannar, 1997, residenti fil-fond numru Block H, Flat 5, Entrance A, Triq Hal Farrug, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 48497M.

Talli nhar il-11 ta' Novembru, 2014, gewwa Misrah Gavino Gulia, Cospicua, u bnadi ohra, gewaa dawn il-Gzejjer, ghall-habta ta' bejn nofsinhar u s-siegha w nofs, assocjaw ruhhom sabiex:

1) Ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kienu pprovokati, jingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

2) Kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied;

3) B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4) Hebbew kontra persuna/i sabiex jingurjaw, idejjqu jew jaghmlu hsara lil din il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil **Charlston Cassar** u **Redent Cassar** wahidhom:

5) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li joqtlu lil **Stephen Brincat** urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt xejru daqqiet b'oggett iebes, kanna tal-hadid u lasta tal-injam, fuq ras l-istess **Stephen Brincat**, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom;

6) U aktar talli volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' **Stephen Brincat** billixejru daqqiet b'armi rregolari, kanna tal-hadid u lasta tal-injam, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Stephen Brincat**.

7) U aktar talli volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha t'**Omar Ellul** billi xejru daqqiet b'armi rregolari, kanna tal-hadid u lasta tal-injam, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna t'**Omar Ellul**.

Lil **Omissis** wahdu:

8) Talli nhar il-11 ta' Novembru, 2014, gewwa dawn il-gzejjer, ghall-habta tas-siegha w nofs u sieghat qabel xewex lil haddiehor, inkella sahhah il-volonta' taghhom sabiex jaghmlu delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistihom, jieqaf maghhom jew jikkompensom;

9) Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula;

Lil **Redent Cassar** wahdu:

10) Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta r-reat ta' griehi gravi fuq persuna. Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma aktar assurdi u komici, li kieku ma kienx hemm il-konsegwenza ta' griehi gravi sofferti minn terzi. Il-kwistjoni kollha bdiet, haga tal-ghageb, minn loghba football bejn hbieb u familji gewwa l-lokalita' ta' Bormla. L-imbierka loghba football sehhet fl-10 ta' Novembru 2014. Jidher li waqt din il-loghba kellhom xi jghidu l-imputat Redent Cassar u certu Glen Brincat. Il-loghba spiccat u kulhadd telaq ghal triqtu. L-ghada, 11 ta' Novembru, ghall-habta ta' xi l-10.45 ta' filghodu, Redent u huh Charlston marru jfittxu lil dan Glen Brincat, u kif sabuh tawh diversi daqqiet u telqu. Glen Brincat flimkien ma' missieru Stephen u numru ta' familjari ohra marru jirrapportaw l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla. Peress illi l-membri tal-familja Brincat kienu jidhru agitati hafna, il-Pulizija talbuhom biex izommu l-kalma. Sadattant, bdew gejjin ukoll membri tal-familja Cassar qrib l-Ghassa. Fil-frattemp, il-Pulizija talbet lill-membri tal-RIU sabiex jibqghu fil-vicinanzi. Il-qiegha baqghet tishon, izda, b'diversi membri taz-zewg familji jitghajru u jimbxu lil xulxin, kwazi lesti biex jigu fl-idejn. Madankollu, l-Pulizija rnexxielha zzomm l-affarjiet taht kontroll. Minkejja dawn l-isforzi

kollha, wara ftit minuti l-glieda faret sew, u xi membri tal-familja Brincat sofrew griehi gravi. Gew arrestati l-ahwa Charlston, Redent u Tristan Cassar, kif ukoll certu Kenneth Brincat – li pprova jhebb ghalihom b'sikkina quddiem il-Pulizija – u sussegwentement tressqu l-Qorti fl-imkien ma' huhom iehor Frederick Dalli.

Mill-provi prodotti jidher li l-imputati Charlston u Redent Cassar kellhom involviment sew f'din il-glieda, anke permezz ta' oggetti iebsa f'idejhom. Di fatti, kemm fir-rapport tal-Pulizija, esebit a folio 8 tal-process, kif ukoll mix-xiehda prodotta, irrisulta li Redent kellu injama iebsa f-idejh, u biha kien qed jaghti lil Omar Ellul, mentri Charlston kellu hadida f'idu, u bl-istess hadida aktarx ikkaguna offizi fuq il-persuna ta' Stephen Brincat. L-involviment tal-imputat l-iehor, Tristan Cassar, kien minimu, u kien aktar ta' reazzjoni kontra terzi ghall-fatt li dawn kienu hebbu ghal ommu u ghal familjari ohra tieghu, u r-reazzjoni tieghu kienet aktar rizultat ta' provokazzjoni, izda hu ma ghamel ebda offiza fuq hadd.

Fl-istqarrija tal-imputati Redent u Charlston, huma wkoll jammettu li taw daqqiet b'oggett iebes lil Omar Ellul u lil Stephen Brincat, izda jghidu li ghamlu dan biex jiddefendu rwiehhom mill-aggressjoni tal-familja Brincat. Mill-fatti tal-kaz irrisulta wkoll li t-tlitt ahwa Cassar nizlu flimkien lejn il-lok tal-incident ghax kien cemplilhom huhom iehor, Frederick Dalli, u aktarx huma nizlu ghas-soddisfazzjon kontra l-familja Brincat.

Jidher ghalhekk li dan l-incident sehh bejn membri ta' zewg familji, li t-tnejn li huma nizlu ghal xulxin ghall-glied. Fil-konfuzjoni kollha ma rrisultax min hebb ghal min, izda jidher li z-zewg nahat hebbew ghal xulxin. Ghalkemm irrisulta li Brincat sofra offizi gravi fuq il-persuna tieghu, jidher li anke hu aggredixxa lil membri tal-familja Cassar, u ghalhekk fil-glied u l-aggressjoni kontra xulxin xi hadd ser jispicca hazin bi griehi aktar gravi minn ta' haddiehor. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ser issib lill-ahwa Redent u Charlston Cassar hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom, izda bhala piena, ghalkemm din ser tkun ta' prigunerija, ser izzomm id-dhul fis-sehh sospiz ghal terminu skond il-ligi. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva fil-konfront ta' Redent Cassar, din hija applikabbli ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 50 tal-istess Kap, u ghalhekk il-Qorti sejra tittratta maghhom bl-istess mod. Kwantu ghall-imputat Tristan Cassar, peress illi kien minorenni fiz-zmien tar-reat, u peress illi l-involviment tieghu kien minimu ghall-ahhar, il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 218(1)(a)(2), 338 (dd), 339(1)(d)(e), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal **Charlston Cassar** biss;

Wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 218(1)(a)(2), 338 (dd), 339(1)(d)(e), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal **Redent Cassar** biss;

Wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 338 (dd), 339(1)(d)(e), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal **Tristan Cassar** biss;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati **Charlston Cassar, Redent Cassar u Tristan Cassar** hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundanna lil **Charlston Cassar u Redent Cassar** ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U lil **Tristan Cassar** tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**